# IL-GHALA LILL MALTIN SAN LUQA SEJJHILHOM *BARBARI*?

Meta S. Pawl u sħabu, wara safra mħabbta mill-qilla tar-riħ u tal-baħar, ħelsu mill-għarqa u meddu riġlejhom fuq il-gżira tagħna, l-Maltin laqgħuhom, ħennew għalihom u daru bihom. S. Luqa, li kien wieħed minn dawk li ħelsu mill-għarqa u li kiteb il-ġrajja ta' dik is-safra jfaħħar it-tjubija ta' qalb il-Maltin, iżda jatihom l-isem ta' *barbari*, bil-Grieg *hoi bàrbaroi* X'ried igħid biha dil-kelma li l-lum xejn ma ddoqqilna sabiħ u la f'widnejna u anqas f'qalbna?

Igħidu x'uħud li *barbari* kienu dawk kollha li ma kenux jitkellmu l-lsien il-Grieg. Mela S. Luqa ried igħid biss li l-Maltin ma kenux jitkellmu l-Grieg, li dak iż-żmien kien imxerred ma kullimkien. Ħaddieħor qal li *barbari* tfisser dawk li ma jifhmux il-lsien ta' min qiegħed ikellimhom jew li jitkellmu lsien li ħaddieħor ma jifhmux. Mela l-Maltin kienu *barbari* għax ma kenux jifhmu 'l San Pawl, u S. Pawl ma kienx jifhimhom. Dan juri li l-Maltin ma kenux jitkellmu u la l-Grieg, li S. Pawl u S. Luqa kienu jafuh tajjeb, u anqas il-Feniċ, li hu qarib il-lhudi, il-lsien ta' S. Pawl. Mela l-Maltin kienu jitkellmu bil-Latin ta' dak iż-żmien, bħalma kienu jitkellmu Sqallija.

Nifluhom ftit bir-reqqa dawn il-fehmiet. L-ewwelnett il-kelma griega *bàrbaros*, li daħlet fil-Latin u fl-ilsna tal-lum, ġejja mis-Sanskrit *barbara* li tfisser *temtumi*. Bħalma taraw, il-kelma *barbar* hi waħda minn dawk il-kliem li l-bniedem isawwar biex ixebbah il-ħoss li jrid ifisser (*parole onomatopeiche*), u tfisser wieħed li ma jitkellemx tajjeb, li jtemtem, li ma jiftiehemx, sewsew bħalma aħna wkoll ingħidu: *temtem*, *laqlaq*. Fil-Grieg dil-kelma ħadet tifsira oħra, jiġifieri: wieħed li ma jifhemx il-lsien ta' min ikellmu jew wieħed li jitkellem bi lsien li ma jifhmuhx. Hekk ifisser il-kittieb grieg Strabone; hekk ukoll Omero u Herôdoto. U din it-tifsira daħlet ukoll fil-Latin. Il-poëta Ovidju fil-ktieb *Tristia* 5, 10, 37 igħid: *Barbarus hic ego sum, quia non intellegor ulli* (Jiena hawn *barbaru* għax ma jifhimni ħadd). Mela *barbarus* tfisser wieħed li jitkellem bla ma jiftiehem. Hekk ukoll S. Pawl fl-ewwel ittra li kiteb lill-insara tal-beld Korint, qal (14,11): "Hawn ħafna ilsna u kull wieħed għandu l-kliem tiegħu, iżda jekk jien ma nafx x'ifisser il-kliem inkun *barbaru* għal min ikun ikellimni; u min ikun ikellimni jkun għalija *barbaru*." Mela *barbaru* hu dak li ma jifhemx 'l min ikellmu, u *barbaru* hu dak li jitkellem lil min ma jifhmux. Ma satâx S. Pawl ifisser aħjar il-kelma *barbaru*.

Skond din l-ewwel tifsira l-Maltin kienu *barbari* għax kienu jitkellmu bi lsien li S. Pawl u sħabu ma kenux jifhmuh. U dan il-lsien ma setâx ikun il-Grieg li S. Pawl u S. Luqa kienu jafuh tajjeb. Seta' kien il-Latin? Kieku l-Maltin kienu jitkellmu l-latin, ma naħsebx li kienu jiftiehmu ma' S. Pawl u ma' sħabu, għax għalkemm dak iż-żmien il-Palestina kien ilha taħt il-ħakma ta' Ruma, madankollu l-lsien latin ma kienx jimxi ħlief fost is-suldati Rumani ta' hemm. Il-lsien l-aktar mexxej kien il-grieg li minn żmien is-sultan Xandru l-Kbir beda jixtered ma' kullimkien; flimkien miegħu kien jimxi qalb il-Lhud il-lsien arami, qarib il-lsien lhudi. B'daqshekk irrid ingħid biss li *jekk* il-Maltin kienu jitkellmu bil-Latin, S. Luqa, li kien hawn Malta ma' S. Pawl kien ikollu għalfejn igħidilhom *barbari*, għax ma kienx jifhem lsienhom.

Kieku l-Maltin kienu jitkellmu bil-lsien Feniċ jew Puniku, qal xi ħadd m'ilux, kienu jiftiehmu tajjeb ma' S. Pawl, u S. Luqa ma kienx igħidilhom *barbari*. Mela l-Maltin kienu *barbari* għax ma kenux jitkellmu u la grieg u l-anqas lsien ieħor li jaqbel mal-ilsna Semin, fi kliem ieħor, għax kienu jitkellmu bil-Latin.

Niżnu ftit dan l-argument flok ma nibilgħuh b'għajnejna magħluqa. Fi żmien S. Pawl il-lsien lhudi kien ilu żmien twil li miet u ntesa. Il-Lhud, barra mill-għorrief, ma baqgħux anqas jifhmu l-Kotba Mqaddsa miktubin bil-lhudi. Flok il-lhudi daħal l-arami li xtered kull fejn kien hemm il-Lhud. B'dan il-lsien kien jitkellem Ġesù Kristu, bih kien jitkellem S. Pawl u l-Lhud l-oħra li kienu miegħu Malta. Għalkemm dawn iż-żewġ ilsna, lhudi u arami, ġejjin minn nisel wieħed, tistgħu taħsbu kemm kienu jixxiebhu la darba l-Lhud li kienu jitkellmu bl-arami ma kenux jifhmu l-Bibbja lhudija. U jekk min kien jaf l-arami ma kienx jifhem il-lhudi, anqas ma kien jifhem il-Feniċ li qisu ħaġa waħda bħall-lhudi. Ħaġa oħra: il-lsien Feniċ tbiddel ma' tul il-mijiet ta' snin skond l-art li fiha kien imħawwel, tilef xi kliem u daħħal kliem ieħor mill-grieg u mill-latin, biddel il-ħoss ta' xi konsonanti u hekk il-Feniċ ta' Tiru u ta' Sidun sar il-Puniku ta' Kartaġni u ta' Malta. Mela jekk l-arami jitbiegħed mill-lhudi, aktar jitbiegħed mill-Puniku, u jekk min kien jitkellem l-arami ma kienx jifhem il-lhudi, anqas ma kien jifhem il-Puniku. U jekk S. Pawl u sħabu ma kenux jifhmu l-lsien Puniku tal-Maltin, ma setâx S. Luqa jgħidilhom *barbari?*

Mela skond l-ewwel tifsira tal-kelma *barbaru*, jiġifieri, wieħed li jitkellem lsien ma jiftiehemx, il-Maltin kienu *barbari* għax kienu jitkellmu l-latin jew il-Puniku, u mhux għax kienu jitkellmu l-latin biss. Mhux fi ħsiebi hawn nuri liema minn dawn iż-żewġ ilsna kienu jitkellmu l-Maltin, imma ngħid għalija aktar inżomm ma' dawk li jaħsbu li l-Maltin kienu jitkellmu l-Puniku u mhux il-Latin.

Il-kelma *barbaru* għandha tifsira oħra. Il-Griegi kienu jgħidulhom *barbari* dawk kollha li ma kenux jitkellmu l-grieg. Sa minn żmien is-sultan Xandru l-Kbir, tlett mitt sena q. K., il-lsien grieg beda jixtered ma' kullimkien, fil-Palestina, fis-Sirja, fl-Asja ż-Żgħira, fl-Eġittu, saħansitra f'Ruma. Il-grieg sar ilsien universali. Min ma kienx jitkellem il-grieg kien qisu barrani, kien *barbaru*. "Min mhux grieg hu *barbaru*", qal il-kittieb Servju. Hekk ukoll il-kittieba tal-Istorja Tucidide, Polibju, Plinju jagħżlu fi tnejn il-ġnus kollha: Griegi u Barbari, jiġifieri, griegi u mhux griegi. U S. Pawl ukoll fl-ittra lill-insara ta' Ruma, miktuba bil-grieg, igħid: "Jiena għandi naħdem bħala Appostlu fost il-Griegi u fost il-Barbri"; jiġifieri mal-bnedmin kollha. U S. Luqa, li kien grieg mill-beld ta' Antijokija, li tgħallem il-grieg u li l-kitba tiegħu mfaħħra għar-reqqa tagħha, tgħid ma mexiex fuq id-drawwa ta' dak iż-żmien u qalilhom *barbri* lill-Maltin għax ma kenux jitkellmu l-grieg? Hekk jaħsbu ħafna għorrief.

Mela skond din it-tifsira l-Maltin kienu *barbari* għax ma kenux jitkellmu bil-grieg. Jista' jkun li kienu jitkellmu bi lsien li S. Pawl kien jifhmu, imma, b'daqshekk S. Luqa seta' jgħidilhom *barbari* la darba dan il-lsien ma kienx il-grieg.

Bħalma taraw iż-żewġ tifsiriet ma jitbiegħdux wisq minn xulxin. Il-waħda turina l-Maltin jitkellmu bi lsien li S. Pawl u sħabu ma fehmuhx, l-oħra turina l-Maltin jitkellmu bi lsien li ma kienx il-grieg.

Minn dawn iż-żewġ tifsiriet ingħid għalija aktar nagħżel it-tieni waħda, jiġifieri, il-Maltin ma kenux jitkellmu l-grieg. Iżda jekk xi ħadd togħġbu aktar l-ewwel waħda, jiġifieri, il-Maltin kienu jitkellmu bi lsien li S. Pawl ma fehmux, ma jista' qatt igħid li dan il-lsien ma seta' jkun l-ebda wieħed ieħor ħlief il-latin.

SAYDON